MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Numru. 54/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**MICHAEL GRIMA**

**Seduta ta' llum, 12 ta' Jannar 2006**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MICHAEL GRIMA** ta' disgha w ghoxrin sena, bin Anthony u Catherine nee Chetcuti, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Jannar 1975 u joqghod 50, Triq San Duminku, Victoria, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 75375M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fil-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru 2004, ghal habta tas-sitta w s-sitta w ghoxrin ta' filghodu, f'Ghawdex, insulenta, hedded u fizikament aggredixxa lil

PS 187 Mario Cassar u lil PC 1506 Louis Calleja, Ufficjali tal-Korp tal-Pulizija w ghalhekk persuni nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku u dan bil-hsieb li jbezzaghhom u/jew influwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak s-servizz;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PS 187 Mario Cassar u lil PC 1506 Louis Calleja, ufficjali pubblici, waqt li kienu jaghmlu d-dmirjiet taghhom jew bil-hsieb li jbezzaghhom u/jew influwixxi fuqhom kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghhom;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hekk ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra ta' PS 187 Mario Cassar u lil PC 1506 Louis Calleja, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi minn Awtorita kompetenti;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser voluntarjament l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija;

6. Talli fl-istess data, lok u hin, dagha u qal kliem oxxen fil-pubbliku; u

7. Talli fl-istess data, lok u hin, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur bl-uzu ta' dawl artificjali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-disgha ta' Frar 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbatax ta' Lulju 2005, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat

u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju kif wkoll ix-xhieda tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tmienja ta' Novembru 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2005, **xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 14] fejn spjega kif nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2004, ghal habta tas-sebgha ta' filghodu, kien gie nfurmat li PS 187 Mario Cassar kien jinsab l-isptar wara li kien involut f'incident mal-imputat u kien safa mwegga'.

Mill-investigazzjoni preliminari li zamm, irrizultalu li waqt li PS 187 Mario Cassar mar ma PC 1506 Louis Calleja fuq xoghol konness ma infurzar tal-Administrative Law Enforcement u cioe marru fuq l-imputat li kien qed jaghmel uzu minn xi torch light fuq mansab li hi llegali, l-imputat uza xi forza fuq l-Ufficjal sabiex ma jittiehidlux t-torch light.

Illi rizultat ta'din l-aggrezzjoni wzata mill-imputat kemm PS 187 Mario Cassar kif wkoll PC 1506 Louis Calleja sipccaw feruti kif jirrizulta mic-certifikati medici esibiti fl-atti markati bhala dokumenti AG 1 u AG 2, rilaxxjati minn Doctor Ryan Gatt dakinhar stess ta' wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2004.

Huwa jghid li tkellem mal-imputat ftit wara u dan cahad li ta xi daqqa ta' ponn lil PS 187 Mario Cassar pero kkonfermalu li l-Ufficjali tal-Pulizija marru fuqu ghaliex hasbu li kien qed juza xi torch light, meta fil-fatt huwa jghid li ma kienx minnu. Ammetta mieghu pero li rresista lil PS 187 Mario Cassar meta dan ipprova jiehu xi torch light.

**PS 187 Mario Cassar xehed** nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2004 u spjega [fol 19] kif nhar l-wiehed ta' Dicembru 2004 ghal habta tas-sitta ta' filghodu waqt li huwa kien patrol bil-jeep ma PC 1506 Louis Calleja f'post maghruf bhala Qassam, raw dawl qawwi f'nofs l-ghelieqi bi spot-light qawwija. Huma ghalhekk avvicinaw dan id-dawl permezz tal-jeep taghhom, xeghlu d-dawl tal-Pulizija ta' fuq il-jeep, u wara ftit dan id-dawl qawwi ntefa'. Qal li ghall-ewwel kienu boghod xi distanza ta' mitejn pied u bdew jghajjtu bil-laqam tan-Nemsa ghaliex hasbu li kien hemm min kien qed jonsob ghal pluvieri.

Wara xi hin, tfacca l-imputat, li x-xhud gharaf presenti fl-awla, u meta dan qallu biex jitfi l-ispot-light, l-imputat wiegbu li spot-light ma kellux, kellu biss lampa zghira kemm jara biha jaghmel l-café.

Fid-daqqa w il-hin beda joffendih u jghajjru u telaq jigri 'l hemm. Huma ghalhekk nizlu mill-jeep u raw li l-imputat kellu kamra bi xbiek minsub bl-ghasafar b'kollox. Huwa ttawwal fil-karmin u ra l-ispot-light u talabhielu biex johduha maghhom. Dan irrifjuta li jghaddielhom. Fil-vicinanzi s-Surgent jghid li kien hemm z-ziju tal-imputat li beda jindahal, jinsulenthom u jghid wkoll kliem mhux xieraq.

Wara huma w sejrin lura PC 1506 Louis Calleja qabad l-ispot-light, l-imputat mar jigri fuqu biex johodilu, beda jigbidlu idejh u jimbotta lilu kif wkoll lil istess PC 1506 Louis Calleja. Beda jaghti daqqiet li beda jilqa b'idejh. Fil-hin li qallu li kien arrestat, l-imputat qabad idejh u tah daqqa u laqtu f'widnejh. Huwa waqa mal-art u telqu 'l hemm ghand t-tabib.

**PC 1506 Louis Calleja xehed** wkoll nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2004 [fol 21] fejn ikkonferma dak li qal PS 187 Mario Cassar. Spjega kif PS 187 Mario Cassar ipprova jikkalma lil imputat sabiex ma jkabbarx l-istorja izda dan nonostante, l-imputat ma riedx jaf u sar aggressiv maghhom. Ikkonferma wkoll li meta gabar l-ispot-light minn mal-art, l-imputat ta salt ghal fuqu u wegghu.

**PS 1424 Mario Sciberras xehed** wkoll nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2004 [fol 23] u spjega kif nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2004, kien cempillu PS 187 Mario Cassar u qallu li kien qieghed l-isptar ghaliex Michael Grima kien tah daqqa f'wiccu. Kien hu li effettivament mar biex jaffettwa l-arrest fuq l-imputat u dak l-hin l-imputat qallu b'mod verbali wara li nghata s-solita twissija, li huwa kien qed jonsob u gew il-Pulizija u qalulu li kellu dawl qawwi mixghul ghal go xbiek. Huwa cahad li kellu dan d-dawl mixghul, ghalkemm spot-light god-dura kellu pero ma kienx juzaha ghal skop ta' nsib. Huwa ammetta mieghu li pogga l-ispot-light mal-art fil-passagg w imbaghad is-Surgent u l-Pulizja qabdu mal-ispot-light u waqghu mal-art. Cahad li ta daqqa ta' ponn lis-Surgent jew li nsulentah. Huwa esibixxa l-okkorrenza li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 25].

**Doctor John Xuereb Curmi ikkonferma** peremezz ta' affidavit ppresenta fl-atti nhar l-hdax ta' Jannar 2005 [fol 32] li PS 187 Mario Cassar kellu nefha superficjali fil-widna tal-lemin, liema griehi kienu ta' natura hafifa.

**Doctor Bryan Gatt xehed** nhar l-erbatax ta' Lulju 2005 [fol 42] w ikkonferma li nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2004, huwa kien ezamina lil PC 1506 Louis Calleja li kien allegatament involut fi glieda. Huwa sab li kellu nfjammazzjoni fil-muskoli ta' sidru. Huwa ddeskriva tali ferita bhala ta' natura hafifa u setghet giet kagjonata meta gie mbuttat minn dirajgh.
Il-Qorti ezaminat wkoll l-ispot-light dokument AG 4 li giet esibita l-Qorti mill-Ispettur Antonello Grech waqt x-xhieda. Din hija wahda kbira b'zewg switches mal-gnub, u meta xeghelitha innutat li ghandha dawl qawwi u kull switch jirrifletti kemm hi qawwija jew le r-riflessjoni.

Illi nhar t-tlettax ta' Settembru 2005 **xehed l-imputat** [fol 52] u qal li dakinhar tal-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2004, ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghodu, kien qajmu zijuh waqt li kien rieqed fil-mansab u qallu li l-Pulizija rieduh.

Ikkonferma li s-Surgent staqsih ghaliex kellu d-dawl mixghul fuq il-mansab ghal gol-ghelieqi u li hu wiegbu li dawl kellu biss minn zewg lampi tal-pitrolju. Is-Surgent insista li kellu dawl qawwi jixghel. Huwa wiegbu li spot-light kellu fil-mansab pero ma kienx qed juzah. Is-Surgent dahal fil-mansab u sab l-lampa. Hwa qallu li ma kienx lest li jaghtihielu u bdew jisaraw, is-Surgent minn naha u hu minn ohra. Jiftakar li f'xi hin waqghu mal-art u semgha lis-Surgent jokrob l-ugiegh. Huwa cahad li ta' xi daqqa ta' ponn lis-Surgent. Fl-istess nifs li jghid li kien qed jissara mas-Surgent, jghid wkoll li fl-ebda hin ma gie fl-idejn mal-Pulizija.

Huwa wkoll kien irrilaxxja stqarrija l-ghada tal-incident, liema stqarrija tinsab esibita fl-atti bhala dokument AG 3 a fol 18, pero f'din l-istqarrija l-imputat ghazel li ma jwegib ghal ebda domanda.

L-imputat ressaq lil zijuh **Salvu Grima jixhed** nhar t-tlettax ta' Settembru 2005 [fol 54] fejn dan ikkonferma li ra lil imputat u lis-Surgent imqabbda f'xulxin. Jghid wkoll li l-imputat kellu torch f'idu u l-Pulizija ppruvaw johduhielu u hu ma riedtx jghaddilhom. Jghid li kien f'nofshom u li mhux veru li s-Surgent qala xi daqqa ta' ponn. Jikkonferma li huma wkoll waqghu mal-art.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li l-Pulizija kienet qed taqdi d-dmir taghha u taghmel patrol dwar insib illegali meta fil-fatt sabet torch light jaghti ghal fuq xi ghelieqi u taghmel hafna dawl sabiex jinqabdu l-pluvieri.

Illi meta avvicinaw l-post minn fejn kien gej d-dawl, sabu lil imputat li cahad li kellu dan d-dawl mixghul ghalkemm kien PS 187 Mario Cassar u PC 1506 Louis Calleja t-tnejn jikkonfermaw id-dawl li raw. Meta huma talbu l-ispot-light lil imputat, dan ma riedtx jaghtihilhom u beda jirrezisti t-tehid taghha tant li gie fl-idejn mal-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju li ordni moghtija minn Ufficjal tal-Pulizija u cioe dik moghtija lil imputat sabiex jgahddi t-torch light lilhom, hija wahda legittima u kellha tigi obduta. L-imputat ma kellu ebda dritt jostakola lil Ufficjali tal-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijiethom.

Il-Qorti m’ghandix ghalfejn ma temminx l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-Ufficjali tal-Pulizija u cioe li huma marru fuq l-imputat minhabba d-dawl eccessiv li kien hemm u mhux ghaliex, kif jghid l-imputat, ghaliex kellhom ghalih.

Il-Qorti hija konvinta li l-imputat gab ruhu hazin fil-konfront tal-Ufficjali tal-Pulizija u minhabba dak l-ghemil tieghu, spiccaw mwegga‘ u feruti l-istess Ufficjali tal-Pulizija, kif del resto iccertifikaw t-tobba.

Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuzi taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Dwar il-piena, il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat li hija wahda relattivament nadifa b’kontravenzjoni wahda registrata fuqha fis-sena 1996, meta kien instab hati ta’ ksur tal-paci pubbliku u gie kkundannat jhallas amenda ta’ ghaxar liri.

**Il-Qorti** rat wkoll li l-incident ghalkemm qatt ma kellu jinqala, kien wiehed minimu w ghalhekk fic-cirkostanzi, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 95, 221, 96, 338(dd), 338(ee) u 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lil imputat MICHAEL GRIMA hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkudannah ghal hlas ta’ multa ta’ mija w hamsin [150] lira maltin**.

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tikkundanna lil hati jhallas spejjes ta’ periti, il-Qorti rat l-process kollu w innutat li ma kien hemm ebda espert nominat w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din t-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------